# Il-pensjoni għal diżabilità

ILLUM se nkompli nikteb dwar il-benefiċċji non-kontributorji. Infakkar li dawn huma dawk il-benefiċċji, għajnuniet u assistenzi li d-dritt għalihom mhuwiex marbut mal-ħlas tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali.

Wara li ħmistax ilu ktibt dwar il-pensjoni tal-età, illum se nittratta il-pensjoni għal diżabilità.

### X'inhi l-pensjoni għal diżabilità?

Il-pensjoni għal diżabilità hija għajnuna fi flus li tingħata lil persuni ta' 'l fuq minn 16-il sena iżda inqas minn 60 sena, u li jkunu jbatu minn diżabilità jew diżabilità gravi. Fil-każ ta' persuni li jkollhom aktar minn 60 sena, jekk dawn ikunu kapijiet ta' familja, jistgħu jkollhom dritt għall-pensjoni tal-età li dwarha kont ktibt ħmistax ilu. Jekk dan ma jkunx il-każ, persuna li jkollha 60 sena u li jkollha diżabilità jew diżabilità gravi u ma jkollhiex dritt għall-pensjoni tal-età xorta tista' tibqa' tircievi l-pensjoni għal diżabilità jekk tikkwalifika għaliha.

Din il-pensjoni m'għandha x'taqsam xejn la mal-pensjoni kontributorja għal invalidità u lanqas mal-pensjoni li titħallas lil min ikun korra fuq ix-xogħol u jibqa' bi grad ta' inkapaċità permanenti ta' aktar minn 20% li ktibt dwarhom fix-xhur li għaddew.

Fil-fatt il-pensjoni għal diżabilità ma titħallasx skont kemm ikunu tħallsu kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali iżda skont test tal-mezzi li se nfakkar x'inhu. Il-pensjonigħal diżabilità tingħata b'mod speċjali lil ċittadini u residenti Maltin u Għawdxin. Madankollu f'ċerti każi din il-pensjoni tista' tingħata wkoll lil ċittadini mhux Maltin jekk ikunu residenti legalment f'Malta u jissodisfaw ċerti kriterji.

### X'inhu t-test tal-mezzi?

Kif diġà ktibt fil-ġimgħat li għaddew meta ttrattajt l-għajnuna soċjali u l-pensjoni tal-età, dan it-test jikkonsisti f'kalkolu tal-mezzi ta' persuna li tapplika għall-pensjoni għal diżabilità. Id-dritt għal din il-pensjoni jirriżulta jekk il-mezzi ma jkunux jaqbżu l-ammonti stabbiliti bil-liġi.

It-test tal-mezzi fil-każ tal-pensjoni għal diżabilità huwa kemm xejn differenti minn dak tal-għajnuna soċjali u tal-pensjoni tal-età. Fil-każ ta' dawn it-tnejn tal-aħħar dan it-test huwa maqsum fi tnejn – l-ewwel isir kalkolu tal-assi kapitali tal-persuna u jekk tissodisfa dan it-test imbagħad isir kalkolu tad-dħul tal-persuna. Iżda fil-każ tal-pensjoni għal diżabilità, isir test wieħed biss – dak tad-dħul tal-persuna li ma jridx ikun jaqbeż l-ammont tal-paga minima nazzjonali.

Biex ikun ikkalkulat id-dħul tal-persuna jiġu kkunsidrati fost oħrajn dħul minn impjieg, imgħaxijiet jew dividendi, kirjiet, dħul minn bejgħ ta' proprjetà jew oġġetti oħrajn, dħul minn art imqabla mill-Gvern, u kull dħul ieħor li jkun esklussivament tal-persuna li qiegħda tapplika għall-pensjoni għal diżabilità.

Minħabba li l-persuna li tapplika għal pensjoni għal diżabilità tista' tkun, minkejja d-diżabilità tagħha, kapaċi taħdem imqar partajm, fil-każ tad-dħul mill-impjieg mhux dan id-dħul kollu ikun ikkunsidrat bħala parti mid-dħul għat-test tal-mezzi. Fil-fatt l-ewwel €61.82 fil-gimgħa mill-impjieg ma jiġux ikkunsidrati fil-kalkolu tal-mezzi. Jekk id-dħul mill-impjieg ikun aktar minn hekk, titnaqqas id-differenza mir-rata ta' pensjoni għal diżabilità sakemm bejn il-pensjoni u d-dħul mill-impjieg l-applikant ma jaqbiżx il-paga minima nazzjonali.

Għalkemm kif spjegajt fuq, ma jsirx kalkolu tal-assi kapitali, fil-każ ta' proprjetà mhix użata li tkun tal-applikant, din xorta tiġi kkunsidrata fil-kalkolu tad-dħul. Dan isir billi l-ewwel €585 mill-valur tal-proprjetà jkunu injorati u l-kumplament ikunu meqjusin bħala li qegħdin irendu dħul fil-ġimgħa ta' 0.11% tal-valur. Jigifieri biex nagħtu eżempju, jekk l-applikant għandu proprjetà mhix użata li tiswa €80,000, il-valur tagħha jiġi stmat li qed irendi dħul ta' €87.35 fil-ġimgħa (€80,000-€585 = €79,415 x 0.11%).

Fil-każ ta' persuna li tkun qed tirċievi l-pensjoni għal diżabilità u tiżżewweġ, id-dħul li jrid jiġi kkalkolat (inkluż dħul minn proprjetà li mhix dik residenzjali) ikun tal-koppja u mhux tal-benefiċċjarju biss. Madankollu dan isir biss minn għeluq ħames snin miż-żwieġ. Jiġifieri fl-ewwel ħames snin taż-żwieġ, id-dħul tal-konjugi ma jiġix ikkunsidrat.

### Kif issir l-evalwazzjoni tad-dritt?

Meta persuna tapplika għall-pensjoni għal diżabilità issir investigazzjoni u evalwazzjoni tad-dħul tal-persuna skont il-kriterji msemmijin fuq. L-istess bħalma ktibt fil-ġimgħat li għaddew meta ttrattajt l-għajnuna soċjali u l-pensjoni tal-età, meta l-persuna (jew l-amministratur tagħha) tapplika għall-pensjoni għal diżabilità huwa importanti ħafna li ssir dikjarazzjoni korretta tad-dħul kollu. Huwa fl-interess tal-applikant li jagħmel dikjarazzjoni korretta biex ma jkunx hemm problemi għall-applikant innifsu.

### Kif issir l-evalwazzjoni tad-diżabilità?

Ġaladarba ikun stabbilit li l-mezzi tal-persuna huma inqas mill-paga minima nazzjonali kif spjegajt fuq, imbagħad issir l-evalwazzjoni tad-diżabilità. Din issir minn bord ta' tobba u/jew speċjalisti skont il-każ maħtur mid-direttur responsabbli mis-sigurtà soċjali.

Dan il-bord jeżamina kemm lill-persuna kif ukoll id-dokumenti u ċertifikati mediċi li jkun ġew ippreżentati mal-applikazzjoni. Huwa dan il-bord li finalment jistabbilixxi jekk id-diżabilità tal-persuna hijiex tali li, skont anke d-definizzjoni ta' "persuna gravement diżabilitata" kif stipulata fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, tikkwalifika għal din il-pensjoni.

### Kif issir it-talba?

Biex wieħed japplika għall-pensjoni għal diżabilità irid imur (jekk kapaċi u d-diżabilità tiegħu mhijiex mentali, jista' jmur hu inkella l-amministratur tiegħu) f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali f'Malta u Għawdex u ssir talba bil-ġurament għand il-Maniġer Distrettwali jew persuna ddelegata b'din il-kariga. Normalment mal-applikazzjoni tintalab l-informazzjoni u d-dokumenti li ġejjin:

- karta tal-identità tal-applikant u l-amministratur (jekk il-każ)
- kotba tal-bank tal-applikant
- informazzjoni dwar kull dħul ieħor, inkluż minn impjieg partajm
- ċertifikati mediċi dwar id-diżabilità tal-applikant.

F'każ li t-talba ssir minn amministratur, dan irid jippreżenta dokument legali li juri li hu jista' jagħmilha ta' amministratur tal-applikanti. Dan ma japplikax jekk it-talba qiegħda ssir mill-ġenituri tal-applikant.

### Tibdil fiċ-ċirkostanzi

Fiż-żmien li persuna tkun qiegħda tirċievi l-pensjoni għal diżabilità, il-benefiċċjarju jew l-amministratur tiegħu għandu l-obbligu li jinforma lid-dipartiment b'kull tibdil fiċ-ċirkostanzi tiegħu li jistgħu jaffettwaw id-dritt għal din il-pensjoni jew ir-rata mħallsa. Dawn jinkludu:

- tibdil fid-dħul
- għoti ta' xi pensjoni jew benefiċċju ieħor (mhux neċessarjament tas-sigurtà soċjali inkluż minn barra minn Malta)
- bidu jew tmiem ta' impjieg
- dħul fi sptar
- safar
- wirt
- bdil ta' indirizz
- żwieġ
- mewt

### Il-ħlas tal-pensjoni għal diżabilità u r-rata tal-ħlas

Il-pensjoni għal diżabilità titħallas kull erba' ġimgħat permezz ta' ċekk li jissarraf fil-banek kollha f'Malta u Għawdex. Ir-rata bażika ta' pensjonigħal diżabilità li qiegħda titħallas fl-2011 hija ta' €91.24 fil-ġimgħa għall-persuna waħedha.

Minn din ir-rata bażika msemmija fuq jitnaqqas id-dħul fil-ġimgħa li l-persuna jkollha (jew il-konjugi jekk il-każ) u li jkun ġie stabbilit skont it-test tal-mezzi msemmi fuq.

Mar-rata applikabbli jitħallsu wkoll bonus addizzjonali ta' €3.12 fil-ġimgħa waqt li jitħallas ukoll il-bonus ta' Ġunju u Diċembru (€135.10 kull sitt xhur).

### Pensjoni għal vista batuta

Persuna b'vista batuta li hi ċċertifikata minn oftalmologu



## KONT TAF LI:

- Jekk inti persuna mhux miżżewġa (inklużi romol) u tħalli x-xogħol biex iddur b'xi qarib tiegħek li jinsab f'siġġu tar-roti jew permanentament marid f'sodda tista' tkun intitolat għal pensjoni għal wens;
- It-test tal-mezzi li jistabbilixxi jekk persuna tikkwalifikax għal din il-pensjoni huma l-istess bħal dawk tal-pensjoni tal-età kif spjegati fl-artiklu ta' ħmistax ilu. B'żieda ma' dan tkun trid issir evalwazzjoni tal-kundizzjoni medika tal-pazjent u anke rapport minn 'social worker' dwar il-każ;
- Ir-rata bażika ta' din il-pensjoni fl-2011 hija ta' €95.58 fil-ġimgħa. Ma' dawn jitħallas ukoll il-bonus addizzjonali ta' €3.12 fil-ġimgħa waqt li jitħallas ukoll il-bonus ta' Ġunju u Diċembru (€135.10 kull sitt xhur);
- Persuna li tibbenefika minn pensjoni għal wens tista' tibbenefika wkoll minn kontribuzzjonijiet akkreditati (għall-perjodu li fih tkun qed tircievi l-pensjoni għal wens) li jkunu jgħoddu għall-Pensjoni tal-Irtirar fil-futur. Dan iżda jiddependi fuq kemm tkun ilha taħdem il-persuna qabel tibda tirċievi il-pensjoni għal wens;
- Għal aktar tagħrif wieħed għandu jirrikorri fl-eqreb uffiċċju distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

**Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont, A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000**

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz* **ittri@unionprint.com.mt**. *Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*

*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika mhijiex intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fuq social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella iċċempel fuq in-numru 159.*

16,17orTue.indd 2 1/24/11 7:43:51 PM



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

li tant hi baxxa li ma tħallihiex tagħmel xi xogħol li għalih il-vista tkun essenzjali, jista' jkollha dritt għall-pensjoni għal vista batuta.

Il-kriterji li jistabbilixxu jekk persuna tikkwalifikax għal din il-pensjoni huma l-istess bħal dawk tal-pensjoni għal diżabilità kif spjegati fl-artiklu tal-lum bid-differenza waħda biss ligħal din il-pensjoni id-dritt jista' jibda minn meta l-persuna tagħlaq 14-il sena u mhux 16-il sena.

It-test tal-mezzi, l-evalwazzjoni tad-dritt u tad-diżabilità (li f'dan il-każ tkun il-vista batuta), il-mod kif issir it-talba, il-mod u r-rata tal-ħlas u ċ-ċirkostanzi li jridu jiġu rrappurtati mil-benefiċċjarju huma eżatt bħal tal-pensjoni għal diżabilità kif indikati fuq.



16,17orTue.indd 3
1/24/11 7:45:48 PM